MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2011

Numru. 430/2002

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR CHRIS PULLICINO**

**KONTRA**

**NOEL AQUILINA ta’ 36 sena, iben Mario u Michelina nee’ Bajada, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-23.12.1975, residenti fil-fond numru 62, Triq id-Dejqa, Bormla, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 40976M; FRANKIE PACE ta’ 32 sena, iben Lawrence u Mary nee’ Psaila, imwieled Tal-Pieta’ nhar l-04.07.1979, residenti fil-fond numru 75, Triq is-Sur, Senglea, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 319679M**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **Noel Aquilina** u **Frankie Pace** li gew akkuzati talli:

1. Nhar it-12 ta’ Frar, 2002, wara nofsinhar, waqt li kienu n-Naxxar, ikkommettew serq ta’ flus mill-hanut bl-isem Hair by Michelle, sitwat fi Triq il-Musbieh, Naxxar, liema serq huwa kkwalifikat bl-ammont u bil-mezz, ma jiskorrix l-elf lira Maltin, u sar ghad-detriment ta’ Eric Joe Genovese minn Naxxar;

2. U aktar talli fl-istess data u hin, gewwa Vjal il-21 ta’ Settembru, in-Naxxar, ikkommettew serq ta’ diversi oggetti minn vettura ta’ ghamla Fiat Uno bin-numru tar-registrazzjoni IAU438, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, u bin-natura tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta’ Kevin Borg;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

4. U aktar talli f’dawn il-Gzejjer, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ ghamlu hsara fil-vettura bin-numru IAU438 ghad-dannu ta’ Eric Joe Genovese; fil-vettura IAG091 ghad-dannu ta’ Kevin Borg; u fil-hanut bl-isem Hair by Michelle liema hsara hija ta’ aktar minn Lm50.00 izda inqas minn Lm500.00.

5. U fl-ahharnett talli fl-istess data, u cirkostanzi, irrendew ruhhom recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta nstabu hatja b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi.

Rat li fis-seduta tat-3 ta’ Gunju, 2005, meta rega’ sar l-interrogatorju, Noel Aquilina rregistra ammissjoni, fil-waqt illi Frankie Pace ghazel illi ma jwiegeb xejn.

Rat anke li l-Qorti kkonfermat l-esperti fl-Inkjesta.

Rat ukoll li l-imputati taw il-kunsens taghhom ghal proceduri sommarji, kif ukoll rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghall-istess.

Semghet ix-xhieda fil-konfront ta’ Noel Aquilina ta’ Marietta Lanzon, li fiz-zmien li gie redatt ir-rapport, jidher illi kien qieghed jaghmel progress sostanzjali.

Rat ukoll is-sentenzi ezebiti mill-Ispettur Chris Pullicino fil-konfront taz-zewg imputati, Dok NA1 folio 92; Dok NA2 folio 96; Dok FP1 folio 99; u Dok FP2 folio 101.

Rat ix-xhieda ta’ l-Ex Spettur David Saliba, u l-Ispettur Abraham Zammit fil-konfront taz-zewg ko-imputati.

Rat ukoll li anke Frankie Pace fis-seduta ta’ nhar it-18.02.2010 ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Rat il-fedina penali aggornata ta’ l-imputati prezentata mill-Ufficjal Prosekutur.

Rat fil-fatt illi f’din il-kawza qajla ngabu provi, hlief ghall-istqarrijiet ta’ l-imputati, mehuda dawn minghajr ma l-imputati nghataw il-fakolta’ ta’ l-assistenza legali.

Illi frankament, anke in vista’ ta’ l-ammissjonijiet, din il-Qorti ftit ghandha x’izzid, ghajr illi ssib htija wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 271, 278, 279, 334, 325, 49, 50, 289, u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ukoll is-sentenzi ezebiti.

Rat il-fedini penali.

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel lok din il-Qorti trid bil-fors taghmel is-segwenti kummenti, in vista’ tal-fatt ta’ kif ser titratta ma’ l-imputati ndividwalment, dan ghaliex il-Qorti ser tqis kif ghandha, il-fatt illi Noel Aquilina mill-ewwel irregistra l-ammissjoni tieghu. Oltre dan, il-Qorti ma tistax ma tiehux in konsiderazzjoni l-fatt illi kemm l-Ufficjal tal-Probation kif

ukoll l-Ufficjal Prosekutur fahhru b'qawwa l-kambajent kbir u pozittiv li ghamel Noel Aquilina. Dan huwa rifless mill-fedina penali tieghu stess in kwantu jidher illi mis-sena 2002 beda jirradrizza ruhu.

Mhux l-istess japplika ghal Frankie Pace, illi ghalkemm fil-mori tal-proceduri wkoll ammetta l-akkuzi, pero jidher illi f'hajtu qajla ghamel dak il-progress mehtieg biex jitghallem jghix sew u b'mod civili fis-socjeta' taghna.

Tenut dan kollu ghalhekk din il-Qorti qieghda tapplika fil-konfront ta' **Noel Aquilina** Ordni ta' Probation ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien sentejn(2), taht l-Ufficjal tal-Probation Marietta Lanzon.

Minn naha l-ohra qieghda tikkundanna lil **Frankie Pace** ghal piena karcerarja effettiva ta' sena u nofs.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda tikkundanna lill-imputati li jhallsu l-ispejjez peritali fl-ammont ta' €90.87, kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------